KLR 30/VII/2015

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju 2015 fis-13.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA:- il-membru Maria Portelli.

Intqalet talba.

**1. Approvazzjoni tal-offerti:-**

1.1 *ADV/05/2015 – Tender for the Creation of Rural Recreation Park at Wied ta' Zejta including paving, furniture and soft landscaping.*

Din l-offerta ingħatat lill-*Gatt Tarmac Ltd*. Dan wara li tressaq ir-rapport tal-bord anness f'dokument A.

1.2 *ADV/06/2015 – Tender for the Enhancement of Visitor's Experience at Wied il-Lunzjata including repaving of street, furniture, service culvert and soft landscaping.*

Din l-offerta ingħatat lill-*Road Construction Co. Ltd*. Dan wara li tressaq ir-rapport tal-bord anness f'dokument B.

*1.3 ADV/07/2015 – Tender for the services of an architect and project management services for the creation of a rural recreation park at Wied ta' Zejta and the enhancement of Visitor's experience at Wied il Lunzjata.*

Din l-offerta ingħatat lill-Perit Mario Cordina. Dan wara li tressaq ir-rapport tal-bord anness f'dokument Ċ.

*1.4 ADV 08/2015. Production, design and printing of a guide book – Project ERDF249*

Din l-offerta ingħatat lill-*Guttenberg Press Ltd*. Dan wara li tressaq ir-rapport tal-bord anness f'dokument D.

**2. Materji oħra**

2.1 Il-membri ġew mgħarrfa li l-kuntrattur tal-proġett tal-ERDF ġie mwissi sabiex inaddaf is-sit fejn qed jagħmel ix-xogħol. Ġie mqabbad il-kuntrattur tat-tindif tat-toroq sabiex inaddaf il-post u l-kont irid jitħallas mill-kuntrattur tal-proġett, (Gatt Tarmac Ltd).

2.2 Is-smigħ tal-appell tas-Siġar tat-Tokk ġie diferit għat-30 ta' Lulju 2015. Il-pavimentar ta' Pjazza Indipendenza ser jinbeda xorta u jitħallew il-konok ta' madwar is-siġar sakemm ikun hemm id-deċiżjoni tal-MEPA.

2.3 Il-membri ġew mgħarfa li infetħet kawża fil-Qorti t'Għawdex minn sidien tal-Monti kontra l-Kunsill. Din rigward it-tneħħija tal-Monti minn Pjazza Indipendenza.

Il-laqgħa spiċċat fit-15.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju 2015 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |